VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,320, 3 ta' Ottubru, 2014
Taqsima B

A.L. 353 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2014 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2014 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - ippubblikati bħala Avviż Legali 137 tal-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) Ir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti għandu japplika mis-sena akkademika 2014/15 'il quddiem għall-korsijiet li bdew f'Ottubru tal-2010 u tal-2011.

(2) Ir-regolamenti 4 u 5 ta' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Mejju, 2014 'il quddiem għall-korsijiet li bdew f'Ottubru tal-2009, tal-2010 u tal-2011.

L-Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Fi kwalunkwe sena akkademika, l-istudenti li jeħlu f'taqsimiet studju għandhom jitħallew jagħmlu valutazzjoni supplimentari f'Settembru tal-istess sena."

L-Emenda għar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"13. Meta student jirtira mill-Kors b'għażla tiegħu jew għax ma jkunx eliġibbli biex jipproċedi aktar skont dawn ir-regolamenti, u jkun temm b'suċċess:

(a) mill-anqas 60 krettu ECTS jew l-ekwivalenti ta' sena ta' studju *full-time*, l-istudent jista' jitlob biex jingħata s-Certificate in General Studies (Cert. Gen. Stud.); jew

(b) mill-anqas 120 krettu ECTS jew l-ekwivalenti ta' sentejn ta' studju *full-time*, l-istudent jista' jitlob biex jingħata d-Diploma in General Studies (Dip. Gen. Stud.) jekk mill-anqas 120 krettu ECTS ikunu miksuba; jew

(ċ) mill-anqas 180 krettu ECTS jew l-ekwivalenti ta' tliet snin ta' studju full-time, l-istudent jista' jitlob biex jingħata l-grad ta' Bachelor in General Studies (B.Gen.St.). L-istudenti li temmew il-programm tal-Grad parzjalment qabel is-sena akkademika 2010/11 u li jissodisfaw dan ir-regolament għandhom id-dritt li jitolbu, meta jidħol fi-seħħ dan ir-regolament, biex jingħataw il-grad ta' Bachelor in General Studies (B.Gen.St.) mingħajr preġudizzju u *ex gratia* sakemm li dan il-grad ma jingħatax retroattivament."

It-Tħassir tar-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali

5. Ir-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar.